**3 ta' Diċembru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Ferdinando Grima

*versus*

Giuseppe Fenech et.

**Obligazzjoni — Mara — Bżonnijiet tad-Dar — Azzjoni "de in rem verso".**

*Għall-ħlas tal-prezz ta' oġġetti li l-mara miżżewġa tixtri għall-bżonnijiet tad-dar, il-mara ma tistgħax tiġi kundannata "in solidum" mar-raġel, imma biss "insubsidium", fil-każijiet kongruwi, meta r-raġel ikun validament obligat in vija prinċipali bħala effett tal-mandat taċitu, u huwa jkun ġie eskuss u tkun ġiet pruvata l-insolvenza tiegħu.*

*Imma jekk il-mara tkun ħadet dawk l-oġġetti meta kienet separata "de facto" minn żewġha, ma hemmx il-kunsens preżunt tar-raġel; u allura dan ma jistgħax jiġi kundannat, għax ix-xiri tal-oġġetti sar mingħajr il-kunsens espress*

*jew taċitu tiegħu; u l-mara ma tistgħax tiġi kundannata għax l-obligazzjoni tagħha hija nulla.*

*Jista' talvolta jkun hemm lok favur il-kreditur, salvi konsiderazzjonijiet oħra li jistgħu jitnisslu mill-fattezzi ta' kull każ partikulari, għall-azzjon "de in rem verso" kontra r-raġel.*

Il-Qorti:— Rat l-avviż tal-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, li bih talab li l-konvenuti jiġu kundannati jħallsu solidalment is-somma ta' £3.8.6½, bilanċ ta' prezz ta' merċi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra nterpellatorja, u bl-inġunzjoni lill-konvenuti għas-subizzjoni;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-11 ta' Ottubru 1960, illi ddeċidiet billi ċaħdet it-talba tal-attur, bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu; wara li kkunsidrat;

L-attur qiegħed jippretendi minn għand il-konvenuti solidalment il-ħlas ta' £3.8.6½ prezz ta' merċa, li hu jgħid li forna lill-konvenuta bid-dejn. Il-konvenuta tammetti li hija, meta kienet separata "de facto" minn żewġha, anzi bejniethom kellhom kawża ta' separazzjoni pendenti, kienet ħadet diversi oġġetti għall-ħajja minn għand l-attur, u li kien fadlilha tagħtieh l-ammont reklamat. Inoltre, żiedet tgħid li, meta żewġha ma kienx jagħtiha flus, hi kienet tixtri bid-dejn. Il-konvenut qal li xi sentejn ilu, meta żżewweġ lill-konvenuta, huwa ħallas lill-attur xi dejn li martu kienet għamlet mal-attur meta hija kienet għadha xebba, u di pjù avżah biex lill-martu qatt ma jagħtiha ebda merkanzija bid-dejn;

Ikkunsidrat;

L-art. 1014 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi li kull konvenzjoni magħmula minn mara miżżewġa mingħajr il-kunsens u d-dehra ta' żewġha fl-att, jew mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, hija nulla, salv il-każ tal-mara miżżewġa li teżerċita l-merkatura. L-art. 1015 tal-istess Kodiċi jkompli jistabbilixxi li l-kunsens tar-raġel jitqies mogħti dwar kull konvenzjoni li martu tagħmel għall-bżonnijiet tad-dar, soliti u ta' kulljum; u din il-konvenzjoni ma

tistgħax tiġi attakkata minħabba li r-raġel ma jkunx deher magħha;

Għar-rigward ta' dawn id-dispożizzjonijiet, hekk argumentat il-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina in re "Alfonso Maria Farrugia vs. Spiridione Sammut ne.", fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Mejju 1938, f'appell minn sentenza ta' din il-Qorti:— "Huwa paċifiku illi din il-preżunzjoni, li biha l-mara tobliga lir-raġel, hemm lokha, per-regola, f'ċirkustanzi normali, meta ċjoè l-miżżewġin jgħixu fil-vera ħajja tal-familja u jkun hemm il-konvivenza tal-mara mar-raġel. Għalkemm ir-raġel jista' jibqa' obligat għall-manteniment anki waqt separazzjoni "di fatto", eppure dan l-istat ta' separazzjoni ma jneħħix l-applikabbilità tal-art. 677 (il-lum 1014) meta, minħabba n-nuqqas ta' konvivenza ma jkunx applikabbli l-art. 678 (il-lum 1015)" — Kollez. Vol. XXX-I-938;

Il'i għalhekk it-talba tal-attur ma tistgħax treġġi, la kontra l-konvenut u lanqas kontra l-konvenuta;

Ma tistgħax treġġi kontra l-konvenuta, għaliex l-obligazzjoni minnha assunta kienet nulla fit-termini tal-art. 1014 fuq ċitat. Inoltre, ma tistgħax treġġi lanqas kontra l-konvenut, għaliex, ladarba bejn il-kontendenti kien hemm pendenti kawża ta' separazzjoni, u huma kienu "di fatto" jgħixu separati, il-preżunzjoni stabbilita fl-art. 1015 fuq imsemmi waqgħet; wisq iżjed f'dan il-każ, meta l-konvenut kien avża lill-attur biex ma jagħti xejn bid-dejn lill-martu — ċirkustanza din li l-attur lanqas jinnega;

Rat fol. 7 in-nota tal-appell tal-attur, u fol. 8 ċ-ċitazzjoni li biha hu talab li l-imsemmija sentenza tiġi revokata, u li tiġi milqugħa t-talba tiegħu; bl-ispejjeż;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

It-ta'ba kontenuta fl-avviż hi għall-kundanna solidali tal-konjuġi Fenech. Indipendentement minn kull pont

iehor in diskussjoni, hu ċert li, f'każijiet simili, il-mara miżżewġa ma tistgħax tiġi kundannata "in solidum", imma biss "in subsidium", fil-każijiet kongruwi, meta r-raġel, jekk validament obligat in vija prinċipali bħala effett tal-mandat taċitu, ikun ġie eskuss u tkun ġiet pruvata l-insolvenza tiegħu (ara Appell Superjuri "Debono vs. Azzopardi", 17 ta' Lulju 1901; u Prim'awla "Camilleri vs. Baker", 2 ta' Diċembru 1898;

Kwantu għall-kundanna tal-konvenut, il-provi akkwiżiti għall-proċess, indipendentement minn ċerti allegazzjonijiet ta' fatt kontenuti fin-nota preżentata mill-appellant fis-16 ta' Novembru 1960, mhux pruvati, u li għalhekk għar-rigward tagħhom jista' jingħad "idem est non existere et non apparere", juru li l-konvenuta ħadet il-merċa in kwistjoni fi żmien meta kienet separata "de facto" minn żewġha, il-konvenut l-ieħor. F'każ simili ma hemmx lok għall-preżunt kunsens tar-raġel skond il-ġurisprudenza (ara, minbarra s-sentenza ċitata mill-Ewwel Qorti, anki Appell Inferjuri "Zammit vs. Mifsud", 10 ta' April 1954);

Ma jirriżultax illi l-konvenut irratifica "ex post" l-operat tal-konvenuta martu;

Salvi konsiderazzjonijiet oħra, li jistgħu jitnisslu mill-fattezzi ta' kull każ partikulari, jista' jkun hemm lok għall-"actio de in rem verso" (P.A. "Azzopardi vs. Vella" 21 ta' Marzu 1944); iżda l-kwistjoni devoluta lil din is-sede mhix din;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċiedi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.